MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 415/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**
**Spettur Victor Aquilina**

**VS**

**Joseph Buttigieg, iben Michael u Emanuela nee' Pesci, imwieled Pieta' nhar l-01 ta' April, 1974, residenti Block A, Flat 6, Triq is-Sliem, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' numru 191874M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Buttigieg** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' April, 2010, u matul l-ahhar xhur ta' qabel din id-data:

1. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika, u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. U aktar kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubbilka, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Princiapali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (folio 12);

Rat il-Kontro Ordni mibghut mill-Avukat Generali mahrug taht il-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 205).

Xehdu diversi pulizija, u cioe' PS 601 Justin Spiteri; PC 1066 Antoine Guillaumier; PS 635 Alan Calleja; u PS 579 Antoine Micallef. Qalu dawn dwar it-trovata ta' ammont ta' pilloli misjuba fid-dar ta' missiser l-imputat, fejn kien joqghod l-istess imputat, kif ukoll aktar tard meta gie miftuh safe li tieghu l-imputat kellu cavetta.

Gie mahtur l-Ispizjar Mario Mifsud biex janalizza d-droga – pilloli, migjuba.
Ikkonkluda hekk:
"*Ghaldaqstant, mir-rizultati misjuba, l-esponent Mario Mifsud, Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi li fil-pilloli kollha li kien hemm fid-dokumenti 360/10/01 sa 360/10/06, li kienu ta' lewn celesti u ahdar car bil-logos ta' mistoqsija, qalb u kuruna u f'ammont totali ta' tnax-il elf mitejn u tlettax (12,213) u wiehed u erbghin (41) bicciet ta' pilloli, instabet fihom is-sustanza kafeina. Is-sustanza kafeina, li hija stimulant, mhix ikkontrollata bil-Ligi.*"

Minn naha tieghu l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet, wara anke li gie moghti d-dritt tal-assistenza legali.

Qal fl-ewwel wahda (Dok PG folio 40 – 42), illi hu kien jiehu kemm coke kif ukoll ecstasy; kokaina meta jkollu l-flus, ecstasy kuljum. Qal illi kien ilu jiehu l-kokaina ghal ghaxar snin, u ecstasy ghal dawn l-ahhar tlitt snin. Qal ukoll illi ecstasy kien jibla hamsa – ghaxra, kuljum, ghax ghalih dawk li kellu ma kinux tajbin. Ammetta li l-ahhar illi kien ha ecstasy kien il-gurnata ta' qabel filghodu, wara nofsinhar u filghaxija.

Ammetta li l-mitt ecstasy (pilloli) misjuba, fil-komodina, kienu biex jibla minnhom hu. Innega li dawn kien ibiegh minnhom. Hawn qal illi s-safe kien ilu ma jifthu sentejn, anke li ma kinx jidhirlu li fis-safe kellu d-droga, ghalkemm jghid illi pero kien jaf li fis-sajf kellu l-ecstasy. Jghid ukoll illi l-ecstasy li kellu fis-safe kienu ta' bniedem illi qallu biex izommhomlu, u li ghalkemm ma kinx ihallsu, kien ihallieh jiehu minnhom.

Fit-tieni stqarrija, Dok PG1 folio 43 – 45, qal issa li ghalkemm hu fuq il-mobile tieghu kien irrekordja konversazzjoni dwar droga, hu ma kellux x'jaqsam ma' bejgh tal-istess, imma kien ghamel dan biex ipejjep lil persuna l-ohra, fis-sens jistadu, ghax ghalih kien fanfru.

Dwar id-droga fis-safe, illi hu kien izommha hemm fis-safe ghal din il-persuna li hu kien qieghed isejjah fanfru, qal illi fil-fatt kien ghadu kemm fetah is-safe filghodu dakinhar li kienu marru l-pulizija. Qal illi dan kien ilu li tahomlu xi xahar u nofs qabel. Qal illi gieli hallsu talli kien izommlu l-esctasy kemm bil-coke kif ukoll billi jhallieh jiehu l-ecstasy minnhom. Irritjena fil-fatt illi l-gurnata ta' qabel kien bieghlu hamsin f'daqqa ghax baqa' jirritjeni li ma kinux tajbin.

Innega li hu qatt biegh ecstasy.

Innega li hu qatt biegh coke, insista li kieku kellu l-flus tal-bejgh, kien jixtri l-coke bihom jew li kieku kellu l-coke kien johodha hu.

Xehed ukoll l-Ispettur Pierre Grech illi qal illi anke hu, darba li nizel fuq il-post, ra l-mitt pillola suspettati ecstasy. Saret ghalhekk l-appozita Inkjesta. Xehed ukoll dwar is-safe li kellu jigi miftuh wara li awtorizza dan il-Magistrat Inkwirenti.

Rat ukoll il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali, a folio 205, taht il-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni qatt ma pprezentat ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi d-Difiza prezentat in-nota taghha, awtorizzata bid-digriet datat 29 ta' Settembur, 2013.

Ikkunsidrat:

Illi certament, bla dubbju, irrizulta b'mod ikkonfondibbli mill-istqarrija tal-imputat, illi hu kien fil-pussess kemm ta' ecstasy kif ukoll ta' kokaina, skontu, dan ghall-uzu personali tieghu. Spjega ghalhekk kemm kien jiehu

ecstasy, anke hamsin kuljum, minn dawk li kienu skondtu ghal haddiehor, ghaliex ghalih ma kinux tajbin! U certament kellu bzonn dan l-ammont biex jilhaq xi effett, stante li rrizulta wkoll ben car mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, illi dak li hu kien qed jibla' ma kinux ecstasy, imma kafeina, allura mhux sustanza skedata!

Illi certament, in kwantu ghad-droga ecstasy, anke jekk l-istess imputat jammetti l-pussess taghha u z-zamma taghha, u l-fatt illi anke ta lil siehbu, in kwantu hemm nieqes l-element materjali tar-reat, cioe' tad-droga nnifisha, allura dawn ir-reati relatati ma jistghu qatt jirrizultaw.

Illi konsegwentement, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tieni akkuza.

Issibu hati ex admissis tat-tielet akkuza, cioe' pussess ta' kokaina u dan ai termini tal-Artikoli 9, 10, 11, 22, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, ikkunsidrat dak illi stqarr l-istess akkuzat fil-konfront tal-problemi li hu afflitt bihom – vizzju tad-droga ecstasy u kokaina, u tqis illi verament huwa kanditat ghall-ghajnuna. Pero rat ukoll illi baqa' ma tghallem xejn, almenu mis-sena 2008 minn meta l-Qorti applikat fil-konfront tieghu l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll ghal pussess ta' kokaina.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' erba'(4) xhur sospizi ghal tmintax(18)-il xahar, dan tenut kont ta' dak mistqarr.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu wkoll taht Ordni ta' Supervizjoni skont il-kundizzjonijiet annessi.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elf mitejn u erbgha u erbgin Ewro u sitta u tletin centezmu(€1,244.36).

Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-oggetti kollha ezebiti u cioe KB9.2011, taht l-awtorita’ tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------